**Linji Gwida Tmexxija tal-Awli**
**Pandemija Covid 19**

1. Primarjament it-tmexxija tal-Awla hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-ġudikant li jipresjedi l-Awla.

2. Il-ġudikant jirregola n-numru ta' nies li jidħlu fl-Awla fl-istess ħin.

3. M'għandhomx jintlibsu t-togi mill-Avukati fl-Awla.

4. **Fil-kawżi Ċivili** l-partijiet ma għandhomx jattendu l-Qorti jekk m'hemmx bżonn il-presenza tagħhom waqt is-smiegħ tal-kawża għalhekk għandhom jivverifikaw dan mal-Avukati tagħhom qabel id-data tas-seduta.

5. **Fil-Kawżi Ċivili** partijiet li jkollhom il-kawża għad-decizjoni mhumiex meħtiega jattendu l-Qorti filwaqt li d-deċiżjonijiet ser jittellaw onlajn fuq is-sistema tal-Qorti immedjatament li jingħataw.

6. Kullħadd għandu jagħmel użu mill-'hand sanitizer' qabel ma jidħol fl-Awla.

7. Kull persuna li tidħol fl-Awla trid tkun liebsa maskra b'dana li fil-każ tal-Avukati dawn għandhom jaċċertaw li l-maskra li jkollhom tippermetti li jinftiehemu sew waqt li qed jitkellmu.

8. Il-proċessi fl-Awla mhux ser ikunu aċċessibbli jekk mhux b'eċċezzjoni li jagħmel il-Gudikant skont iċ-ċirkustanzi tal-każ. L-Avukati għandhom jieħdu ħsieb li fejn huwa possibbli jkollhom kopja tad-dokumenti li jeħtiegu magħhom anki sabiex isir eżami jew kontro-ezami ta' xhud.

9. Dawk id-dokumenti li l-Avukati jeħtieġu li jkunu fil-proċess dak in-nhar tas-smiegħ tal-kawża għandhom jiġu preżentati fir-Reġistru mill-anqas tlett ijiem tax-xogħol qabel is-smiegħ tas-seduta.

10. Avukati, partijiet u xhieda jidħallew biss jidħlu fl-Awla fil-ħin li tissejjaħ il-kawża tagħhom w'għal dan il-għan ser ikun ukoll limitat l-aċċess għall-binja tal-Qorti għall-partijiet u xhieda jekk mhux minn kwarta (15-il minuta) qabel il-ħin tal-kawża.

11. Il-persuni kollha fl-Awla għandhom iżommu distanza bejn waħda w'oħra ta' mill-anqas metru.

12. Ħadd ma jista jidħol wara l-perspex fejn il-bank tad-deputat għall-ebda ċirkostanza.

13. Malli tispiċċa l-kawża msejħa l-persuni kollha nvoluti għandhom joħorgu mill-Awla nkluż l-Avukati sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkollhomx il-kawża immedjata ta' wara.